MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 34/2007/2

**Perit Carmel Mifsud Borg**

**vs**

**Kurt Farrugia**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fil-15 ta’ Frar 2011 il-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***“Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors fuq indikat datat it-13 ta’ Frar, 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sejjah lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:*

*1. Illi prevja dikjarazzjoni ta’ din il-qorti li l-allegazzjonijiet kontenuti fit-titolu u fil-kontenut tal-artikolu intitolat “PN*

*donation from government paid telephone line" ippubblikat fil-Maltastar.com tal-11 ta' Dicembru 2006, (Dok A) – ta' liema pubblikazzjoni l-intimat hu l-editur – huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent u ghandu bhala skop li jtellfu jew inaqqas irreputazzjoni tar-rikorrent.*

*2. Illi jhallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi likwidata minn din il-qorti ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-intimat ngunt ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tal-intimat datata t-12 ta' Marzu, 2007, li permezz taghha rrisponda bil-mod segwenti:*

*1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mir-rikorrenti ma hijiex libelluza fil-konfront tieghu.*

*2. Illi inoltre l-fatti msemmija fl-artikolu ndikat mir-rikorrenti evidentement jikkonsistu f'rapurtagg gurnalistiku dwar materja ta' nteress pubbliku accettabbli f'socjeta` domokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif ukoll taht il-ligijiet tal-Istampa. Jekk l-attur deherlu li gew pubblikati jew ixxandru inezattezzi, huwa kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa.*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti wkoll f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew value judgement, tal-gurnalist u hija fair comment maghmul in buona fede fuq materja ta' nteress pubbliku, ammissibbli kemm taht il-Ligi tal-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*Ezaminat ix-xhieda prodotta quddiem din l-istess qorti diversament preseduta.*

*Rat id-dokumenti kollha esebiti.*

*Rat id-decizjoni ta' din l-istess qorti diversament preseduta datata t-23 ta' Marzu 2009.*

*Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti datat it-13 ta' April 2009.*

*Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell datata l-11 ta' Dicembru 2009, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm dedotti:*

*1. Hassret is-sentenza appellata.*

*2. Irrinvjat l-atti lura lill-ewwel qorti ghad-decizjoni skont il-ligi.*

*Rat il-verbal tar-rapprezentanti legali tal-partijiet datat id-19 ta' Mejju 2010, li permezz tieghu nfurmaw lill-qorti li l-provi minnha mismugha diversament preseduta ghandhom japplikaw ukoll ghall-kompozizzjoni prezenti taghha.*

*Innotat li r-rapprezentanti legali fuq indikati ma pprezentaw l-ebda xhieda ohra quddiemha kif issa preseduta.*

*Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-kawza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:*

*1. Illi din hi procedura li hi limitata ghall-meritu tal-vertenza in dizamina wara li l-istess process kien analizzat u deciz minn din l-istess qorti diversament preseduta izda rinvjat mill-Qorti tal-Appell.*

*2. Illi rigward il-meritu involut dan jista' sintetikament jigi sintetizzat b'dan il-mod:*

*i. Illi r-rikorrenti jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali tad-Divizjoni responsabbli mis-Servizzi fi hdan il-Ministeru tar-Rizorsi u Infrastruttura.*

*ii. Illi fost id-diversi beneficji marbuta ma' din il-kariga hemm l-uzu ta' telefon b'xejn li jista' jintuza ghal skopijiet personali, bl-uniku restirzzjoni fir-rigward tidher li hi li jekk mit-telefon tad-dar residenzjali tar-rikorrent isiru xi telefonati ghal barra minn Malta u ma jkunux relatati max-xoghol tieghu, dawn ghandhom ikunu rifuzi, (ara fol 19).*

*iii. Illi hu sottolineat ukoll li dan indikat fil-paragrafu precedenti japplika wkoll ghal donazzjonijiet li jsiru permezz tat-telefon, (ara fol 19).*

*iv. Illi jidher li hu l-istess utent, f'dan il-kaz ir-rikorrenti, li jiccertifika jekk it-telefonata estera kinitx intiza rilevanti ghax-xoghol tieghu jew le.*

*3. Illi l-kaz odjern jirrigwarda artikoli ppubblikati fuq is-sit elettroniku MaltaStar.com, fosthom wiehed intitolat "PN donation from government paid telephone line" li deher mill-11 ta' Dicembru, 2006, u ohrajn b'informazzjoni simili u bir-ritratt tar-rikorrenti.*

*4. Illi sintetikament dawn l-artikoli jghidu s-segwenti:*

*i. Illi r-rikorrenti ghamel iddonazzjoni in dizamina.*

*ii. Illi din id-donazzjoni ghamilha tramite t-telefon tar-residenza privata tieghu.*

*iii. Illi r-ritratt riprodott hu wiehed veritjier u ghalkemm parti minnu hi cirkondata b'linja hamra, ma jidhirx li gie manipulat.*

*iv. Illi effettivament l-istess rikorrenti jafferma fix-xhieda guramentata tieghu quddiem din il-qorti diversament preseduta li " … huwa minnu illi jiena ghamilt din id-donazzjoni u din id-donation hallastha jiena qabel ma thallas il-kont tat-telephone, (ara fol 21).*

*v. Illi pero` jirrizulta li nonostante l-allegazzjoni tar-rikorrenti li hallas l-ammont minnu moghti bhala donazzjoni qabel ma thallas il-kont de quo hu biss suffragat minn ricevuti datati wara l-istess donazzjoni, (ara dokumenti mmarkati Dok CMB 1-3).*

*Ikkunsidrat:*

*Illi d-difiza tal-intimat hi bbazata fuq l-allegazzjonijiet tieghu li dak minnu rivelat fuq is-sit elettroniku minnu gestit:*

*1. Mhux libelluz.*

*2. Hu biss rappurtagg fattwali, preciz, u sancit bi provi materjali ta' materja t'interess pubbliku.*

*3. Illi ammessa mal-istess rappurtagg ta' fatt hemm kumment gust li hu legittimament espress.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi dak allura li jirrizulta li effettivament sehh materjalment u li ta lok ghal din il-procedura, hu sintetikament issegwenti:*

*1. Illi r-rikorrenti uza l-facilita' ufficcjali lilu koncessa minhabba n-natura tax-xoghol tieghu fuq indikata biex jeffettwa donazzjoni privata lill-organizzazzjoni politika partikolari.*

*2. Illi dan l-istat ta' fatt jirrizulta oggettivament riskontrat:*

*i. Kemm mill-kont mahrug mis-socjeta' li tiggestixxi s-servizz telefoniku in dizamina.*

*ii. Kif ukoll mill-ammissjoni guramentata tieghu fuq gia` riferita.*

*3. Illi ghalhekk ir-rappurtagg in dizamina kien essenzjalment jirrifletti l-fatti kif effettivament zvolgew u kif jirrizulta li kienu evidenzjati b'mod dokumentat.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi tenut kont tas-suespost ir-rikorrent jemfasizza li ghalkemm huwa effettivament effettwa tali donazzjoni bil-metodu xejn ortodoss in dizamina, huwa xorta eventwalment irrifonda l-ammont dovut mis-sorsi finanzjarji personali tieghu.*

*Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-intimat, qabel ma ppubblika, kellu fil-pussess tieghu u ezamina l-kont relattiv li ssuffragah, (ara fol 2).*

*Illi ghalhekk essenzjalment l-allegazzjoni meritu tal-procedura odjerna, li r-rikorrenti ghazel li jaghti donazzjoni lill-partit politiku b'dan il-metodu partikolari, tirrizulta abbundantement assodata.*

*Illi di piu`, ghalkemm l-istess rikorrenti isostni b'qawwa li hu effettivament hallas ghal din id-donazzjoni mill-finanzi personali tieghu kif ghandu dritt jaghmel, xorta wahda ma jhassarx il-fatt li ghamel uzu improprju minn facilita` ufficjali moghtija lilu ghal skopijiet precizi marbuta biss mal-vicendi ufficjali konnessi mal-karija li jokkupa.*

*Illi huwa pacifiku li donazzjoni ta' natura politikament partiggjana u allura kontra l-kundizzjonijiet pre-stabbiliti – specjalment fi stat zghir u ultra-sensittiv ghal tali vicendi bhal ma hu taghna - bl-ebda mod ma jista' jiggustifika tali azzjoni, anke jekk sussegwentement, bhal ma sar fil-kaz odjern, min ikun ikkoncernat jaghmel tajjeb ghall-istess personalment.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi dak li effettivament jirrizulta hu s-segwenti:*

*1. Illi r-rikorrenti jeffettwa d-donazzjoni tramite l-facilita` lilu moghtija in konnessjoni max-xoghol governattiv tieghu.*

*2. Illi hu abbundantement pacifiku li din id-donazzjoni tmur lil hemm mill-mansjonijiet ufficjali tar-rikorrenti u allura hi*

*ovvjament t'interess pubbliku stante li l-pubbliku ghandu dritt ikun jaf bil-grad ta' prudenza li operaturi governattivi jistghu joperaw fil-mansjoni ufficjali taghhom.*

*3. Illi ovvjament, bhal kull cittadin iehor, ir-rikorrenti ghandu kull dritt li jaghmel dak kollu li hu lecitu biex igib il-kredu tieghu 'l quddiem, sakemm ovvjament dan ma jkunx statutorjament censurat jew ta' dannu ghal terzi.*

*4. Illi fil-kaz odjern jirrizulta li r-rikorrenti kellu kull dritt jeffettwa d-donazzjoni in dizamina, izda mhux tramite l-mezz li hu effettivament ghazel li jaghmilha bih – tant li eventwalment hallas ghall-istess mis-sorsi privati tieghu.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi ghalhekk ir-rappurtagg gurnalistiku ta' dan l-istat ta' fatt jirrizulta li hu effettivament fl-interess pubbliku u jimmerita li jingieb ghall-attenzjoni tal-istess pubbliku – molto piu`, ghaliex bhala kundizzjoni ghall-uzu tal-istess apparat hemm mil-limitu statutorju li dan irid ikun esklussivament ghall-uzu ufficcjali – haga li d-donazzjoni de quo palezement ma ssodisfatx.*

*Illi kif jirritjeni l-Gately fil-ktieb tieghu "Gatley on Libel and Slander", l-Ghaxar Edizzjoni, p.312:*

*" … it has come to be recognised that the public has a legitimate concern in matters or events which the claimant might even be seeking to keep from the public gaze, or which have taken place in contexts formerly regarded as private. As has been said more recently: '(W) henever a matter is such as to affect people at large, so that they may be legitimately interested in or concerned at what is going on or what may happen to them or to others; then it is a matter of public interest on which everyone is entitled to make fair comment", (per Lord Denning M.R. fil-kawza London Artists vs Littler, 1969).*

*Ikkundisrat:*

*Illi ghalhekk fil-kaz in dizamina mhux biss jirrizulta li l-artikolu in dizamina essenzjalment irrifletta l-verita` tal-fatti esposti, kif del resto ammetta l-istess rikorrent, izda fih innifsu l-pubblicita` moghtija tammonta ghal materja ta' nteress pubbliku u ghax tikkoncerna lill-pubbliku in generali ghandu jkun ovvju li l-attivita` politika partiggjana minn ufficjali gholja fis-servizz pubbliku ghandha tkun arginata u mhollija ghall-isfera legittima privata taghhom fejn l-oggettivita` fl-operat ghandha tkun garantita fl-oghla livell possibbli.*

*Illi ghaldaqstant, filwaqt li takkolji r-risposti kollha tal-intimat, tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez.*

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Carmel Misfud Borg (ID 984948M) datat 7 ta' Marzu 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut Kurt Farrugia (ID919082M) datata 4 ta' April 2011 a fol 17 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Alessia Zammit McKeon ghall-appellanti prezenti. Dr. Pawlu Lia msejjah diversi drabi ma dehrex. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-10 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 15 ta' Frar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appellant qed isostni li fl-artikolu *"PN donation from government paid telephone line" ippublikat fis-sit elettroniku www.maltastar.com tal-11 ta' Dicembru 2006,* huwa gie malafamat u fl-appell tieghu huwa qed jallega li fis-sentenza appellata kien hemm apprezzament hazin ta' provi ghaliex it-test inkrimat ma kienx skond l-appellanti jirrifletti l-fatti kif svolgew, u dan ghaliex kontra dak indikat fis-sentenza (a) huwa ma ghamilx uzu improprju minn facilita' ufficjali moghtija lilu ghal skopijiet precizi marbuta biss mal-vicendi ufficjali tieghu konnessi mal-kariga li jokkupa; (b) l-artikolu ma jirriflettix il-verita' tal-fatti esposti; (c) li l-pubblicita' moghtija ghall-istess fatti hija materja ta' interess pubbliku.
Illi l-principji applikabbli f'materja ta' libelli gew stabbiliti f'diversi sentenzi, anke dawk moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fosthom **"Marin Hili vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1767/97/RCP- P.A. 3 ta' Dicembru 1998), "**Ernest Tonna vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1755/97/RCP. – P.A. 21 ta' April 1999) **u "Onor. Joseph Debono Grech vs Joseph Zahra"** (Citaz. Numru 1739/98/RCP- P.A. l-1 ta' Lulju 1999.)**, u "Rev. Joseph Borg vs Felix Agius" (**Citaz. Numru 1840/97/RPC- **P.A.** 14 ta' Ottubru 1999), **u wkoll "Adrian Gardner vs Joe Mifsud"** tas-17 ta Frar 2000 (Citaz. Numru. 34/98/RCP) fejn gew indikati l-binarji li ghandhom jigu segwiti skond il-gurisprudenza nostrali anke fid-dawl tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** u liberta` ta' espressjoni u **tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319.**

Illi fost il-principji illum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* **("Vincent Borg vs Victor Camilleri et." -** A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta` tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa wkoll dritt inalljenabbli, li wiehed jipprotegi l-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli.

Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri.

Ineffetti fis-sentenza **"Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja"** (P.A. N.A. 19 ta' Jannar 1996) li:-

*"Il-linja medjana fejn proprio id-dritt ta' espressjoni libera` taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … ... fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti"*.

Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn *"allegazzjoni ta' fatt"* u *"comment"* hija wahda illum stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

*"F'materja ta' ingurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa "comment". Biex tirnexxi id-difiza tal-verita` tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide", u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru"* **(Reginald Miller vs Harold Scory -**XXXVI.IV.843.).

Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*fair comment*, *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi id-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* ("**Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"** Vol.XI.IV.1195; **"Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit"** JSP. 929/90/JSP. 3 ta' Ottubru 1991).

Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu il-kliem fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan ifisser "*in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence,*

*with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them",* dan jista' jinkludi *"any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word*".**("Jones vs Skelton"** (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C.).

Illi fil-fatt inghad ukoll li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba, izda mill-assjem tal-artikolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat, hemm kawza ta' libell, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux ippruvati. **("Onor. Seg. Parlamentari Dr. Joseph Fenech vs Evarist Bartolo nomine".** A.C. 8 ta' Gunju 1999).

Illi dan jista' jsir ukoll pero` permezz ta' "*innuendo"* li fil-kawza "**G. Strickland vs Goffredo Chretien".** ( A.C. 12 ta' Frar 1937, XXIX.I.859.) giet imfissra hekk:-

"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba inkriminata u li hija trid li tigi milqugh mill-gudikant".

Illi fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Olivieru Munroe". (**XXXIII.IV.824.) inghad illi:-

"F'materja ta' ingurja permezz ta' l-istampa l-ingurja tista' tirrizulta permezz ta' 'innuendo'. L-'innuendo' jista' ikun ta' zewg xorta jigifieri:

(a) *dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemiet b'isimha, u*

(b) *dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata".*

Illi inoltre sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew le wiehed *"ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran. U f'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li setgha talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li*

*jaqra il-qarrej”* **(“Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et.”** P.A.H. 28 ta’ Novembru 1953).

Illi huwa sintomatiku f’dan ir-rigward li jigi innotat dak li intqal fis-sentenza **“Anglu Fenech proprio et nomine vs Carmelo Callus”** (A.C. 4 ta’ Frar 2000) fejn inghad li fid-dawl tal-**Artikoli 41 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tal-Bniedem,** fejn **bl-Att XIV tal-1987, illum Kap 319,** partijiet sostanzjali tal-istess Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem saru parti mill-Ordinament Malti, b’dan li mhux biss tali artikolu saru parti mill-ligi Maltija, izda wkoll il-Qrati taghna iridu jiehdu in konsiderazzjoni il-gurisprudenza tal-istess Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, stante li illum hemm access ukoll ghall-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, u dan in omagg ukoll tal-**Artikolu 47 (7)** tal-istess **Kostituzzjoni** li stabbilixxa is-supremazija tal-Ligi Kostituzzjonali f’dawk li huma l-**artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.**

Illi fil-kawza **“Mons. Anton Gauci vs Michael Schiavone et”** (A.C. 8 ta’ Novembru 1995) intqal illi meta l-ingurja hija diretta kontra persuna fizika, *“il-margini ta’ tollerenza twessa’, u mhux kull kumment qawwi u anki azzardat jikkwalifika bhala ingurja”, “dan li il-Qorti ghandha tippermetti l’atitudini fil-kritika li tista’ tkun mhux biss iebsa izda wkoll azzardata entro il-limiti accettati tad-dicenza permessibbli f’socjeta’ demokratika”,* u tali regoli ghandhom jigu applikati b’iktar wisa` f’kazijiet li lejha hija indirizzata tali kritika tkun ta’ certa notorjeta` pubblika, il-kritika tkun ta’ interess pubbliku, u fejn il-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.

Illi l-istess gie affermat fis-sentenzi “**John Zammit vs Felix Agius**” (Cit Nru 1871/97/RCP) – deciza fil-15 ta’ Marzu 2001, kif ukoll f’ “**Dr Joseph Troisi vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et**” (Cit Nru 122/99/RCP), “**Emmanuel sive Lino Zahra vs Rev Fr Emmanuel sive Noel Grima et”** (Cit Nru 123/99/RCP), “**Joseph Caruana vs Rev. Fr. Emmanuel sive Noel Grima et**” (Cit Nru 129/99/RCP) u “**Prof Anthony de Bono vs Fr Noel Grima”** (Cit Nru 124/99/RCP) ilkoll decizi fit-3 ta’ Ottubru

2000, u fis-sentenza "**Dr Andrew Borg Cardona vs Joseph S Abela"** Cit Nru: 1311/98/RCP deciza fl-24 ta' Jannar 2002.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-artikolu mertu tal-kawza odjerna kien jghid li *"A senior official in Minister Ninu Zammit's office used his home telephone line, which is paid by the Maltese Government, to donate money to the Nationalist Party (PN) during one of their fund raising campaigns before the 2003 election…the donation was made during a party's fund raising event in 2002, and amounted to Lm5, which was entirely charged on the telephone bill". Fis-subartikolu "Ministry foots the bill",* inghad li *"in 2002, when the PN donation was made, he was the Director of the Building Construction Industry Department. In 2006, he was promoted to Director General within the same ministry."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ammess li l-attur ghamel uzu minn tali facilita' provduta mill-Gvern ghal ghan indikat, izda ma jirrizultax meta huwa ghamel hekk huwa b'xi mod abbuza mill-uzu tat-telefon, ghaliex dan seta` jintuza ghall-uzu personali tieghu wkoll, u l-unika restrizzjonijiet li kien hemm kienu biss fejn hemm *overseas calls* ghar-ragunijiet personali, mela allura l-ispejjez inkorsi ghall-istess kellhom jigu rifuzi. Ovvjament dwar it-telefonata li biha saret l-imsemmija donazzjoni din jirrizulta li saret, u dan mhux bi ksur ta' xi regolament u fil-verita' l-artikolu ma jghidx li kien hemm xi ksur ta' kundizzjonijiet tal-uzu tal-istess apparat, izda kienet id-dedicjoni hawn appellata li waslet ghal tali konkluzjoni, li fl-opinjoni tal-Qorti hija ghalhekk zbaljata u dan huwa car jekk wiehed jezamina kemm ix-xhieda tal-attur datata 13 ta' Novembru 2007 (fol. 19), kemm il-kuntratt datat 28 ta' Novembru 2001 (Dok. "MB" – fol. 29), - fejn apparti diversi beneficcji li l-istess ghandu (bhal *performance pay, expense allowance, provision of fully-expensed car, subject to the approved consumption ceiling*) - ghandu wkoll *"free telephone facilities",* kif ukoll id-Dok. "CMB' (fol. 42) konsistenti f'dikjarazzjoni lil Media mill-Ministeru, u mhux l-inqas mix-xhieda ta' Mario Rodgers (22 ta' Jannar 2008) fejn jghid car u tond li *"apparti personal overseas calls' ma hemm l-*

*ebda restrizzjoni ghall-uzu tal-landline fuq il-calls tal-landline"* (fol. 45).

Illi konstatat dan, xorta wahda jirrizulta li sa hawn l-artikolu kien korrett ghaliex dan qal li sar uzu minn *telephone* li huwa mhallas mill-Gvern sabiex l-attur, bhala ufficjal tal-Gvern, jaghmel telefonata li biha ta donazzjoni lill-Partit politiku indikat; izda l-artikolu jghid izjed minn hekk, ghaliex isostni li *"Ministry foots the bill"* bhala subtitolu, u allura l-implikazzjoni cara mill-istess artikolu, hija li mhux biss sar uzu minn tali apparat, izda li d-donazzjoni, li saret ta' Lm5, thallset mill-Ministeru.

Illi fil-fatt huwa dwar dan li l-attur ilmenta dwar l-artikolu in ezami, peress li gie allegat li kien il-Gvern li hallas tali donazzjoni ta' Lm5, meta l-attur dejjem insista, u fil-fatt ipprova li l-imsemmija Lm5 thallsu minnu. Fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2008 huwa qal testwalment:-

*"Il-fatt illi d-donazzjoni saret mit-telephone tad-dar tieghi ma dejqitnix. Dejjaqni l-fatt li gie rapportat illi din it-telefonata thallset minn flus il-gvern…..pero' l-impressjoni illi jaghti l-artikolu illi jien qed naghmel uzu hazin minn flus il-poplu.Hafna nies li jahdmu mieghi jafu li jiena nazzjonalist, pero' jiena qatt ma dahhalt il-politika fix-xoghol tieghi. Kull min jahdem mal-Gvern jaf li dawn id-donazzjonijiet ikunu jridu jigu rifuzi".*

Illi mill-provi jirrizulta li dan mhux minnu ghaliex tali donazzjoni thallset mill-attur kif jirrizulta mir-ricevuta datata 8 ta' April 2003, u mic-cekk datat 6 ta' April 2003 (kif jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Mario Rodgers datata 29 ta' Novembru 2009). Dan huwa wkoll rifless fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti diversament presjeduta datata 23 ta' Marzu 2009 li kienet mertu tal-appell quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras fis-sentenza taghha datata 11 ta' Dicembru 2009 fejn fis-sentenza tal-Ewwel Qorti kien inghad li "*gie ampjament ippruvat illi d-donazzjoni ta' hames liri maghmula mill-linja personali ta' l-attur thallset minnu u mhux mill-Gvern. Irrizulta illi l-agir tal-attur kien wiehed korrett, skond l-etika tal-grad gholi ta' responsabbilta' illi*

*ghandu fis-servizz civili".* Veru li din is-sentenza giet revokata, pero' ghar-ragunijiet ben differenti minn dawk li qed jigi kkunsidrati f'dan l-appell u minn dan kollu jfisser li kif sostna l-attur, l-artikolu in ezami ma kienx korrett fil-konfront tieghu ghaliex id-donazzjoni thallset minnu u mhux mill-Gvern, u kellu ragun l-attur jghid li b'dan huwa gie malafamat, u wkoll li allura la darba dan huwa l-kaz, rikonoxxut anke fis-sentenza appellata, mela ma jistax jinghad li l-artikolu pprezenta l-verita', ghaliex l-artikolu in kwistjoni jaghti l-impressjoni cara li tali donazzjoni lill-Partit Nazzjonalista' maghmula bit-telefon mill-attur, thallset mill-Gvern, meta fil-verita' jirrizulta li l-istess donazzjoni thallset mill-attur stess. Mela anke hawn din il-Qorti thoss li ma tistax taqbel la mal-konsiderazzjonijiet, u lanqas mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, ghaliex jirrizulta li l-artikolu kien qed isostni li tali donazzjoni thallset mill-Gvern, meta l-provi kollha juri li tali donazzjoni effettivament thallset mill-attur, u allura f'dan il-kuntest jirrizulta li limitatament ghal dak hawn ikkonsidrat, l-artikolu kien malafamanti fil-konfront tal-attur, ghaliex implika li l-attur kien juza fondi tal-Gvern sabiex ghamel donazzjoni personali lill-Partit Nazzjonalista, meta fil-verita' l-attur, hallas huwa stess ghall-istess donazzjoni. Allura fuq din il-bazi, l-azzjoni attrici ghandha tigi akkolta ghaliex l-artikolu ma kienx korrett u lanqas veritier, u konsegwenzjalment l-attur sa fejn hawn premess gie malafamat ghaliex l-attribuzzjoni ta' fatti inveritieri lill-attur jammonta ghal libel tal-istess **("Dr. Wenzu Mintoff vs Victor Camilleri"** (A.C. – 27 ta' Gunju 2003); u **"Avukat Joseph Mifsud vs Joe Demartino"** (A.I.C. (PS) – 11 ta' Dicembru 2009); u **"Bladet Tromso et vs Norvegja"** – EctHR – 20 ta' Mejju 1999).

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ghalkemm il-materja ppubblikata u l-kontenut tar-rapport kien ta' interess pubbliku, tenut kont tal-fattispecie tal-kaz, tali rapportagg kellu jkun ibazzat fuq fatti konkreti, li jigu ippruvati, izda f'dan il-kaz, dwar il-punt li tali donazzjoni gie allegat li thallset mill-Gvern, u mhux mill-attur persolament, tenut kont tal-posizzjoni tal-attur, hija f'dan l-aspett libelluza.

Illi hawn issir riferenza ghal dak li inghad fis-sentenza **"Dr. Alfred Sant vs Dione Borg"** (P.A. (RCP) – 30 ta' April 2002) fis-sens li:-

*"Ghalhekk f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu nvoluti persuni pubblici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero' hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragjonevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjeta' in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika, ….,ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici".*

Illi mela jidher car illi ghalkemm wiehed jista' jaghmel kritika anke harxa fuq l-operat ta' persuna f'posizzjoni pubblika, dan ma jfissirx li b'daqshekk wiehed ghandu l-liberta' li jattribwixxi fatti mhux pruvati w ingurjuzi lill-istess persuna, ghaliex il-liberta' tal-espressjoni ghandha il-limiti taghha, fid-dritt ta' persuna li tiddefendi isimha u l-unur taghha, specjament meta tali fatti allegati jew insinwati assulotament ma jigux pruvati u ma jezistux. Jibqa' dejjem il-fatt li l-limiti tal-fair comment huwa li "jekk ma jigux ippruvati sodisfacentament, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment' (**"Onor. Dr. Alfred Sant vs Gordon Pisani et"** (P.A. (RCP) – 30 ta' April 2002); **"Anglu Camilleri vs Anthony Zammit"** - Vol.XI.IV.1195.; **"Dr Joseph M Ciappara vs Joseph Zammit"** - JSP 929/90/JSP. - 3 ta' Ottubru 1991). Din il-Qorti thoss li l-fatt li gie rapportat li tali donazzjoni thallset mill-Gvern, meta fil-fatt ma kienitx ma tammontax ghar-rapport li jikkwalifika bhala *"sostanzjalment veru",* ghaliex fuq il-punt ta' min hallas l-istess donazzjoni l-artikolu hawn inkriminat ma kienx veru, u dan seta` wkoll jigi facilment ivverifikat b'domandi appositi u f'waqthom, qabel ma gie ppubblikat l-istess artikolu **"Sant vs Camilleri"** (P.A. (JSP) – 29 ta'

Novembru 1991); **"Dr. Gavin Gulia vs David Agius"** (P.A. (JRM) – 27 ta' Settembru 2002)

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u f'dan il-kuntest qed tigi revokata s-sentenza tal-Ewwel Qorti datata 13 ta' Frar 2007.

Illi dwar id-danni, tenut kont ta' dak li ghall-fini tal-iffissar tad-danni l-**artikolu 28(1) tal-Kap 248** ihalli diskrezzjoni wiesgha, sa massimu ta' €11,646.87 (vide "**Ernest Tonna vs Felix Agius**" – Citazzjoni Numru 1755/97/RCP – 21 ta' April 1999) u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti tiffissa d-danni fl-ammont ta' hames mitt Euro (€500).

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta' tal-appellat Kurt Farrugia datata 4 ta' April 2011, **tilqa' l-appell tal-appellant il-Perit Carmel Mifsud Borg fir-rikors tal-appell tieghu datat 7 ta' Marzu 2011 fis-sens hawn deciz, b'dan ghalhekk li din il-Qorti qed thassar u tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Perit Carmel Mifsud Borg vs Kurt Farrugia" datata 15 ta' Frar 2011 (Rikors Numru 34/07) b'dan li minflok qed tilqa' t-talbiet attrici, fis-sens li l-allegazzjonijiet kontenuti fit-titolu u fil-kontenut tal-artikolu intitolat "PN donation from government paid telephone line" ippubblikat fil-Maltastar.com tal-11 ta' Dicembru 2006, (Dok A) – ta' liema pubblikazzjoni l-intimat hu l-editur – huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur appellant u ghandu bhala skop li jtellfu jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-istess attur appellant kif hawn deciz, u ghall-fini tat-tieni (2) talba tordna lill-konvenut appellat ihallas lill-attur appellant is-somma ta' hames mitt Euro (€500) bhala ammont ta' danni likwidati skond l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-appellat Kurt Farrugia.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------